**Kapitlu 3 Inħobbu lil xulxin bħal aħwa**

**Lezzjoni 3.6: Ġesù kien iħobb tassew**

**L-Għanijiet:**

**It-tfal:**

1. Jitgħallmu dwar imħabbet Alla għalina mill-ħajja ta' Ġesù.



2. Jifhmu kif kien iġib ruħu Ġesù.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

- 'Animated cartoon-video' bl-isem ta' 'Jesus Loves Children' li jinkludi rakkonti qosra meħuda mill-Bibbja bħal meta Ġesù fejjaq tifel marid, qajjem lit-tifla ta' Ġajru, tema' ħamest elef ruħ u bierek lit-tfal.



- Karta ta' taħriġ: 3.4.
- Music Video bid-diska "Jesus Loves Me".

**Naqsmu flimkien:**

- Introduċi l-lezzjoni billi tagħmel referenza għal-lezzjoni ta' qabel din.
- Spjega kif anke Ġesù meta kien fid-dinja wera l-imħabba tiegħu lejn l-oħrajn permezz ta' ġrajjiet u mirakli differenti.
- Uri lit-tfal l-'animated cartoon video'.
- Wara kull rakkont qasir ħu ħsieb waqqaf il-video u ddiskuti dak li jkunu raw it-tfal.
- B'hekk tkun tista' tgħinhom jifhmu aħjar l-istejjer.



**Nisimgħu flimkien:**

- Spjega kif permezz ta' dawn l-istejjer meħuda mill-Bibbja aħna nafu li Alla jħobb lil kulħadd.
- Lil dawk in-nies tal-antik ħabbhom billi għallimhom u għnhom, fejqilhom lill-morda u għamel mirakli magħhom.
- Lilna llum iħobbna b'modi differenti billi jieħu ħsiebna, tagħna ġenituri/adulti li jieħdu ħsiebna u jħobbuna eċċ.



**Nikbru flimkien:**

- Spjega kif bħalma' Ġesù wera mħabbtu lejn in-nies meta kien fid-dinja, hekk ukoll iħobb lilna, lill-familjari u l-ħbieb tagħna fil-ħajja ta' llum.
- Stieden lit-tfal jiftħu l-ktieb tal-attivitajiet 3.4.
- Spjega kull stampa u allura l-istorja marbuta ma' kull waħda u għin lit-tfal ikunu jistgħu jiktbu

  Is-sentenza taħt kull stampa.

  1. Ġesù wera l-imħabba tiegħu:

  - Meta tema' folla nies b'ħames ħobżiet u żewġ ħutiet.
  - Meta qajjem lit-tifla ta' Ġajru.
  - Meta, għalkemm għajjien, qam u kellem lit-tfal.
  - Meta fejjaq żagħżugħ li kien dejjem fis-sodda għax marid.

  2. Ġesù wera l-imħabba tiegħu b'ħafna modi, u għalhekk aħna rridu nagħmlu l-istess anke jekk ma jkollniex aptit, jekk niddejqu jew ma naqblux fuq xi ħaġa.

**Nagħżlu flimkien:**

- Staqsi din il-mistoqsija lit-tfal: *Kif nista' nħobb tassew bħal Ġesù?*
- Agħtihom ħin biżżejjed sabiex jiddiskutu l-ħsibijiet tagħhom.
- Permezz ta' mistoqsijiet ħu ħsieb wassalhom għall-konklużjoni li aħna għandna noqogħdu attenti biex ma nweġġgħu lil ħadd b'dak li ngħidu u nagħmlu. (Nippreżentaw xogħol tajjeb u mhux traskurat; nilagħbu flimkien mhux nagħżlu biss lil min irridu aħna eċċ).
- ***Inħobbu lil xulxin kif għamel Ġesu.***



**Niċċelebraw flimkien:**

- Uri l-video song "Jesus Loves Me".
- Spjega dak li jingħad sabiex tkun ċert/a li l-messaġġ jasal għand it-tfal u wara ħeġġiġhom biex jippruvaw ikantaw flimkien.

